# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors maħluf numru 490/2014/1 GM**

**Doris Catania u żewġha Charles Catania**
**għal kull interess li jista' jkollu**

***v.***

**Evelyn Farrugia u s-soċjetà filarmonika**
***La Stella* tal-Gudja A.D. 1919**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Evelyn Farrugia minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2021 illi ikkundannatha tħallas danni talli mingħajr raġuni li tiswa fil-liġi ċaħħdet lill-attriċi mit-tgawdija ta' legat imħolli lill-istess attriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'testment tat-23 ta' Marzu 2010 ċertu Gabriel Farrugia, ziju tal-attriċi, kien ħatar werrieta tiegħu lis-soċjetà konvenuta *La Stella* u ħalla lill-attriċi legat ta' tletin elf euro (€30,000). Ġara iżda illi l-konvenuta l-oħra, l-appell-

anti Evelyn Farrugia, fetħet kawża[1] biex timpunja t-testment u għalhekk, sakemm inqatgħet il-kawża, is-soċjetà konvenuta ma ħallsitx il-legat għax ma kienx għadu magħruf jekk it-testment kienx jiswa, u jekk il-werriet huwiex is-soċjetà konvenuta (jekk jinstab li t-testment jiswa) jew il-konvenuta Farrugia nfisha (li tiret *ab intestato* jekk it-testment jitħassar u miegħu jitħassar ukoll il-legat).

3. B'sentenza tad-29 t'April 2014 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet ta' Farrugia. Farrugia appellat iżda b'sentenza tas-27 ta' Settembru 2019 din il-qorti ċaħdet l-appell, li qisitu bħala wieħed fieragħ u vessatorju. Is-soċjetà konvenuta mbagħad ħallset il-legat fl-10 t'Awwissu 2020.

4. Billi tgħid illi dan l-għemil tal-konvenuta Farrugia għamel ħafna ħsara kemm lilha u kemm lis-soċjetà konvenuta, billi fuq il-legat mhux imħallas igħaddu mgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*), u illi għal dan għandha twieġeb il-konvenuta Farrugia, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi bl-aġir tagħha l-intimata abbużivament u bla ebda raġuni valida fil-liġi ċaħħdet lill-esponenti mill-użu tal-ammont minnha mħolli fl-imsemmi legat;
>
> »2. konsegwentement tillikwida dawn id-danni f'somma ekwivalenti għal 8% fuq l-ammont ta' €30,000 imħolli lill-esponenti bħala legat fit-testment fuq imsemmi u dana mid-data tal-mewt tad-*decuius* sad-data tal-pagament kemm tal-ammont imsemmi fil-legat kif ukoll tal-imgħaxijiet legali fuq l-istess somma mid-data tal-mewt ta' Gabriel Farrugia sad-data tal-pagament dovut;
>
> »3 tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti *in linea* ta' danni dik is-somma li tiġi llikwidata skont kif ingħad fit-tieni talba;
>
> »4. tikkundanna lis-soċjetà filarmonika *La Stella* tal-Gudja A.D. 1919 tħallas lir-rikorrenti l-ammont lilha mħolli b'legat kif fuq intqal inkluż, jew eskluż skont kif din il-qorti jidhrilha li għandha tiddeċiedi fuq l-ewwel tliet talbiet ta' dan ir-rikors, l-imgħaxijiet bit-8% mid-data tal-mewt tad-*decuius* Gabriel Farrugia sad-data tal-

[1] Evelyn Farrugia *v.* Doris Catania *et*, rik. 763/2010

pagament effettiv u jekk ikun il-każ flimkien u *in solidum* mal-intimata Evelyn Farrugia.«

5. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. … … …

»2. is-soċjetà eċċipjenti jibqgħu u għadhom disposti jonoraw l-obbligi testamentari skont it-testment tad-*decujus* Gabriel Farrugia *una volta* jiġi determinat ġudizzjarjament b'mod definittiv l-i*status* tagħhom *qua* eredi universali tad-*decujus* Farrugia;

»3. dwar l-imgħaxijiet kif mitluba, jekk din il-qorti takkorda d-dritt kif mitlub u *cioè* mid-data tal-mewt tad-*decujus*, hija l-intimata l-oħra, *ossia* Evelyn Farrugia, li għandha tagħmel tajjeb għal tali ħlas *stante* li s-soċjetà eċċipjenti hija preżentement prekluża milli twettaq il-ħlas minħabba l-azzjoni inizjata minn Evelyn Farrugia u li għadha tinsab pendenti kif fuq spjegat[2].«

6. Il-konvenuta Farrugia ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. … … …

»2. … … …

»3. f'kull każ it-talba tar-rikorrenti in kwantu kif dedotta fil-konfront tagħha hija legalment insostenibbli *stante* illi l-azzjoni mressqa mill-esponenti permezz tal-kawża rik. ġur. nru 763/10 saret mill-esponenti unikament sabiex tissalvagwardja d-drittijiet legali tagħha kif *del resto* tippermetti l-liġi u mhux kif qed jiġi allegat b'xi forma ta' pika versu r-rikorrenti;

»4. mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondanti *stante* illi l-esponenti tikkontendi ulterjorment lir-rikorrenti ma soffrew ebda danni minħabba li huma ma rċivewx l-legat imħolli lilhom skont it-testment in kwistjoni«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza;

»2. tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi bl-aġir tagħha l-konvenuta abbużivament u bla ebda raġuni valida fil-liġi ċaħdet lill-esponenti mill-użu tal-ammont minnha mħolli fl-imsemmi legat;

»3. tilqa' *in parte* t-tieni talba billi tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' €15,123.29 imgħax mill-24 t'April 2014 sal-10 t'Awwissu 2020;

»4. tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuta Evelyn Farrugia tħallas lill-atturi *in linea* ta' danni dik is-somma ta' €15,123.29.

»5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba.

[2] L-appell inqata' kontra l-konvenuta Farrugia fis-27 ta' Settembru 2019, u s-sentenza appellata għalhekk ġiet konfermata.

»Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuta Evelyn Farrugia.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ftit jiem qabel mewtu, Grabiel Farrugia għamel testment li permezz tiegħu ħatar lis-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem imsejħa *La Stella*) unika werrieta tiegħu, u lill-attriċi – neputija tiegħu – legatarja tas-somma ta' €30,000. Oħtu Evelyn Farrugia fetħet kawża kontra *La Stella* biex tattakka t-testment bl-allegazzjoni [illi] ma setax iffirmah meta kien fiżikament fi stat ħażin ta' saħħa.
>
> »Din il-qorti, diversament ippreseduta, ċaħditilha t-talba għaliex skont il-liġi l-forma tat-testment tista' tiġi attakkata biss minn min ikun parti fih. Evelyn Farrugia ma kinitx parti. Il-qorti, għalkemm kif tajjeb stqarret hija stess setgħet waqfet hawn, kompliet billi għamlet apprezzament akkurat tal-provi u kkonkludiet li l-provi dwar il-ħila li Grabiel Farrugia jagħmel testment kienu tenwi għall-aħħar, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm id-depożizzjoni ċara u konvinċenti tan-nutar li rrediġa t-testment li minnha rriżulta li t-testatur mhux talli kien luċidu, imma luċidissimu, u kapaċi jiffirma, tant li ffirma mhux darba, imma għadd ta' drabi fuq it-testment. Evelyn Farrugia appellat u l-appell mhux biss ġie miċħud imma wkoll iddikjarat fieragħ u vessatorju u kkundannatha tħallas l-ispejjeż għal darbtejn.
>
> »Hekk kif inqata' l-appell *La Stella* ħallset il-legat.
>
> »Kemm l-attriċi kif ukoll *La Stella* jgħabbu lil Evelyn Farrugia bir-responsabilità għad-dewmien fil-ħlas tal-legat, abbażi t'abbuż tad-dritt ġudizzjarju. … … …
>
> »… … …
>
> »Fil-Kodiċi Ċivili Malti nsibu dan il-kunċett b'mod espress fl-artiklu 1030 tiegħu: "kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu".
>
> »… … …
>
> »… … … m'hemmx dubju li, kif ippronunzjat ruħha din il-qorti, diversament ippreseduta, fil-kawża li fetħet Evelyn Farrugia, il-każ tagħha kien wieħed ferm debboli u priv minn kull fundament ġuridiku. Jidher ċar li kien hemm ċerta negliġenza da parti tagħha meta ddeċidiet li tiftaħ il-kawża. Minkejja dan, ma jirriżultax lill-qorti li hija fetħet il-kawża f'xi spirtu emulatorju. Almenu soġġettivament kienet in bwona fede. Min-naħa l-oħra, wara li tilfet il-kawża u appellat, ma baqgħetx in bwona fede. Il-qorti tal-Appell iddeċidiet li l-appell kien wieħed fieragħ u vessatorju. Evelyn Farrugia tisħaq li b'daqshekk ma jfissirx li hija abbużat mid-drittijiet tagħha. Din il-qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament. Li wieħed ikun frivolu u vessatorju jfisser li jkun in mala fede; li jkun qiegħed jillitiga meta jaf li m'għandux raġun u sabiex idejjaq lill-kontroparti; possibilment biex jissikkaha ħalli ċċedi l-armi allavolja jkollha raġun. Għalhekk sa mid-data tas-sentenza ta' din il-qorti fil-kawża li fetħet Evelyn Farrugia, hija kienet qiegħda tabbuża mid-drittijiet tagħha.

»Jibda biex jingħad li l-kwistjoni dwar il-frottijiet jew imgħaxijiet li jistgħu jkunu talvolta mill-eredi lil-legatarji hija regolata mill-artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili.

> »"**727**. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dakinhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dakinhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu."

»Din id-disposizzjoni hija ċara. Ir-regola ġenerali hija allura li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lill-legatarju ħlief mill-jum li fih huwa jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, imqar b'ittra uffiċjali, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu. … … … Però l-liġi ma tiqafx hemm-hekk:

> »"**728**. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> »"(*a*) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;
>
> »"(*b*) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġa oħra li tagħti frottijiet."

»Ma jirriżultax illi l-attriċi sejħet b'ittra uffiċjali lis-soċjetà konvenuta biex tħallas dan il-legat. Allura wieħed irid iħares lejn interpretazzjoni tal-artikolu 728. L-artikolu 728 jipprovdi illi l-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja ma hijiex meħtieġa fejn it-testatur ikun ordna mod ieħor, u fejn il-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ta' ħaġ'oħra li tagħti frottijiet. Għandu jkun paċifiku li, fid-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni, it-testatur ma ordnax lill-eredi tiegħu biex iħallsu l-imgħaxijiet lil-legatarja. Jifdal għalhekk li wieħed jara jekk il-legat in kwistjoni huwiex ta' fond, kapital jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

»Intqal b'referenza għad-disposizzjoni analoga f'kodiċi ċivili Taljan tal-imgħoddi, li "*Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi*" (*Pacifici Mazzoni, Il Codice Civile Italiano Commentato, VoL.IV, para.78*). Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impiegat b'mod fruttiferu. Tal-istess fehma huwa Ricci, li jgħid, "*Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che è capace a produrre interessi, bensi quel danaro che trovandosi ġià investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi*". Fil-każ odjern, ma ġiex legat kapital li kien diġà impjegat b'mod fruttiferu, imma ġiet legata somma flus sempliċi. Għalhekk l-artikolu 728 ma jsibx applikazzjoni għall-fattispeċi tal-każ odjern.

»Din l-interpretazzjoni sabet sostenn anke mill-ġurisprudenza emanata mill-qrati tagħna (ara <u>Clyde Meli *vs* Maurice Pace Decesare *et*</u>, Prim Awla, 24/5/2002 - mhux appellata).

»Għalhekk l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-29 t'April 2014 – data tas-sentenza appellata[3].

---

[3] Fil-parti dispositiva tas-sentenza l-ewwel qorti ordnat illi l-imħgaxijiet jibdew igħaddu mill-24 ta' April 2014.

> »Għalkemm huwa minnu li *La Stella* ma kien hemm l-ebda impediment legali xi jxekkilha milli tħallas il-legat minnufih, ikun inġust li wieħed jaddossalha r-responsabilità għad-danni, konsistenti f'telf ta' mgħax, waqt li ntefgħet fi stat ta' inċertezza waqt il-pendenza tal-kawża miftuħa minn Evelyn Farrugia. Kulħadd għandu jerfa' r-responsabilità ta' għemilu, imma mhux ukoll t'għemil ħaddieħor. Hekk titlob ukoll l-ekwità.«

9. Il-konvenuta Farrugia appellat b'rikors tal-14 ta' Diċembru 2021, li għalih is-soċjetà konvenuta wieġbet fit-12 ta' Jannar 2022 u l-atturi fis-17 ta' Jannar 2022.

10. L-ewwel aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

> »… … … ma kien hemm ebda impediment legittimu li żamm lis-soċjetà konvenuta milli tħallas il-legat in kwistjoni. L-esponenti fil-fatt ma ressqet ebda att kawtelatorju li waqqaf lis-soċjetà konvenuta milli tieħu pussess tal-massa ereditarja ta' Grabiel Farrugia jew milli tħallas il-legati u d-djun tal-wirt, u l-qorti tal-ewwel istanza effettivament irrikonoxxiet fis-sentenza appellata li tassew ma kienx hemm impediment legali li jwaqqaf lis-soċjetà konvenuta milli tħallas il-legat *de quo dicimus.*
>
> »Sfortunatament is-sentenza appellata daħlet f'kontradizzjoni kbira fejn, fl-istess nifs, tistqarr li l-appell interpost mill-konvenuta Evelyn Farrugia kien appell altament frivolu u vessatorju, tant li l-esponenti stess kellha tagħraf u tirrikonoxxi dan il-fatt, u, fl-istess hin, issostni li l-eżistenza u l-pendenza ta' dan l-appell, li suppost kien tant frivolu u vessatorju, kien joħloq tant inċertezza li jiġġustifika li s-soċjetà konvenuta tissospendi l-ħlas tal-legat u żżomm fil-pussess tagħha l-flus dovuti lill-attriċi.
>
> »Għandu jkun pacifiku li l-ligi imkien ma tipprovdi espressament lill-eredi l-jedd jew il-fakultà li jissospendi l-ħlas tad-debiti tal-eredità, kompriżi l-legati, minħabba li ssir azzjoni ta' impunjazzjoni kontra t-testment. F'dan il-kuntest, hija siewja dina l-osservazzjoni ta' Laurent (*Principii di Diritto Civile*, Vol.XIV, §60): *"Il tribunale non deve necessariamente accordare ii rilascio* [tal-pussess tal-legat]; *non è esso che, a vero dire, l'accorda, ma e domandato contro l'erede che ha il possesso di diritto. Costui può opporre motivi di inammissibilità. Tale sarebbe l'iscrizione in falso contro il testamento; il tribunale decide, in questo caso, secondo le circostanze, se l'esecuzione dell'atto dev'essere provvisoriamente sospesa. Sarebbe lo stesso se l'erede intentasse unżazione di nullità; se lżazione è seria, il giudice potrà ordinare il sequestro dei beni in quistione*".
>
> »Fi kliem ieħor, mhux kull impunjazzjoni tiġġustifika li l-eredi ma jħallasx lil-legatarju, u għandha tkun il-qorti li tiddeċiedi u tiddetermina jekk kienx hemm ġustifikazzjoni oġġettiva. L-esponenti tissottometti li ma jistax jitqies li kien hemm ġustifikazzjoni oġġettiva naxxenti minn kawża li issa qed titqies frivola u vessatorja. Jekk dik il-kawża kienet tikkostitwixxi ġustifikazzjoni oġġettiva biex is-soċjetà konvenuta ma

tħallasx il-legat lill-attriċi, mela dik il-kawża u l-appell konsegwenzjali ma setgħux jitqiesu frivoli u vessatorji. Min-naħa l-oħra, jekk dik il-kawża, u l-appell sussegwenti, huma frivoli u vessatorji, mela ma jservux bħala ġustifikazzjoni oġġettiva biex il-legat ma jitħallasx, u d-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta li ma tħallasx ma tistax issa tiġi addossata fuq l-esponenti.

»L-esponenti, b'analoġija, tagħmel riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 1437 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar meta xerrej jista' jissospendi l-ħlas tal-prezz lill-bejjigħ. Huwa bil-wisq evidenti li din id-disposizzjoni tirreferi għal fattispeċċi differenti minn dawk tal-każ odjem, iżda t'interess huwa l-fatt li l-liġi, anke jekk tagħti l-jedd lix-xerrej li ma jħallasx il-prezz fejn ikun molestat fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa jew ikollu raġuni tajba biex jibża' minn tali molestja, tobbliga lil dak ix-xerrej li jħallas l-imgħaxijiet fuq il-prezz jekk jonqos milli jiddepożita dak il-prezz fir-reġistru tal-qorti kompetenti. Huwa interessanti wkoll li l-ġurisprudenza estendiet l-applikazzjoni ta' din l-istess disposizzjoni li tinsab kollokata fid-disposizzjonijiet dwar il-bejgħ anke għall-kuntratt ta' lokazzjoni (<u>Valentino Tanti *v.* Giuseppe Spiteri</u>, Prim' Awla, 1/8/1919) kif ukoll għall-kuntratt ta' ċessjoni ta' krediti (<u>P.L. Cassar *v.* Camilleri</u>**,** Prim'Awla, 1/2/1899 - Kollezz. Vol.XVII.ii.17). Hija s-sottomissjoni tal-konvenuta li l-istess prinċipju huwa wkoll applikabbli għall-każ odjem.

»Abbazi tal-premess, l-istess prinċipju għandu japplika anki fil-każ odjern, u ċjoè s-soċjetà konvenuta, għalkemm anke jekk fl-aħjar ipoteżi għaliha kienet intitolata tissospendi l-ħlas tal-legat minħabba biża' ta' molestja, kellha tiddepożita l-istess legat jekk riedet teħles mill-konsegwenzi tal-imgħax. Dan is-soċjetà konvenuta m'għamlitux, u għalhekk baqgħet hi responsabbli għall-ħlas tal-imgħax favur l-atturi. Kieku s-soċjetà konvenuta iddepożitat, kienet skont il-prinċipju legali fuq imsemmi teżimi ruħha mill-obbligu tal-ħlas tal-imgħax, bil-konsegwenza li l-attriċi ma kienx ikollha l-jedd tippretendi mgħaxijiet mingħandha, Għal dan it-telf tal-attriċi, imbagħad, kien ikollha twieġeb l-esponenti. Iżda fil-każ odjern, la darba is-soċjetà konvenuta ma ddepożitatx il-legat kif kien imissha tagħmel, ma jeżistix in-ness kawżali ta' kawża u effett bejn l-azzjoni legali istitwita mill-esponenti u t-telf subit mill-attriċi.

»Is-soċjetà konvenuta kellha r-rimedji tagħha biex teżimi ruħha mill-konsegwenzi ta' nuqqas ta' ħlas minħabba l-azzjoni istitwita mill-esponenti. Setgħet irrikorriet għad-depożitu; setgħet ukoll talbet il-ħatra ta' sekwestratarju ġudizzjarju skont l-artikolu 851 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dana l-aħħar rimedju kien saħanistra jippermetti li s-sekwestratarju maħtur jimpjega s-somma legata lill-attriċi b'mod fruttiferu matul il-pendenza tal-proċeduri, u dan għaliex is-sekwestratarju għandu l-fakultà li jamministra l-oġġett fdat lilu (ara <u>Angelo Lia *et v.* Joseph Esposito *et*</u>, Prim'Awla, 17/3/1954).

»Għalhekk il-konvenuta ma tistax titqies responsabbli għat-telf t'imgħax favur l-atturi. Skont il-liġi, huwa l-werriet responsabbli li jħallas tali mgħax lil-legatarju, u f'dan il-każ il-werriet ma għamel assolutament xejn biex jeżimi ruħu minn dik ir-responsabbilità. Ta' min jiġi mtenni illi s-soċjetà konvenuta ssostni li kellha biża' fondat u konsegwentement inċertezza dwar l-istat tagħha ta' werriet – dan però fil-kuntest li ssostni, flimkien mal-atturi u mas-sentenza appellata, li l-azzjoni tal-esponenti kienet altament vessatorja. Jekk tassew dik l-

> azzjoni kienet vessatorja, mela allura s-soċjetà konvenuta lanqas ma kellha raġuni tajba biex tibża' li tkun molestata, u allura ma kellha ebda jedd tissospendi l-ħlas tal-legat. Jekk min-naħa l-oħra, l-biża' tagħha kienet ġustifikata, mela allura l-azzjoni tal-esponenti ma tistax ukoll titqies bħala emulatorja jew temerarja, u kwindi anke fuq dik il-bażi tisfuma fix-xejn l-azzjoni tal-atturi fil-konfront tagħha.«

11. Huwa minnu illi, sakemm ma jkunx hemm sentenza li tgħid illi ma jiswiex, testment impunjat ikun jiswa u għalhekk, fil-każ tal-lum, is-soċjetà konvenuta setgħet titqies werrieta minnufih wara l-mewt tat-testatur, setgħtet tieħu f'idejha pussess tal-assi tal-wirt, u setgħet ukoll tħallas il-legat biex tevita li jibdew għaddejjin l-imgħaxijiet.

12. Il-konvenuta Farrugia iżda, fittxet li tħassar it-testment kollu kemm hu, mhux biss il-ħatra ta' werriet iżda l-legat ukoll, u għalhekk, li kieku rnexxiet, u t-testment jitqies null *ab initio* b'effett *ex tunc*, kull ħlas ta' legat magħmul mis-soċjetà kien ikun magħmul *sine causa* u Farrugia kien ikollha jedd titlob lura l-legat mhuix biss mingħand il-legatarja, li tkun irċevietu *sine causa*, iżda wkol mingħand is-soċjetà talli din tkun naqqset l-assi tal-wirt bla ma kellha jedd jew setgħa li tagħmel hekk.

13. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma kienx ikun għaqli għas-soċjetà li tħallas il-legat qabel ma l-kawża mibdija mill-konvenuta Farrugia tkun inqatgħet finalment, u ma setgħetx raġonevolment tkun mistennija tieħu r-riskju illi, jekk lil Farrugia ma jseħħilhiex tieħu l-flus lura mingħand l-attriċi, ikollha tagħmel tajjeb hi. Tassew illi l-kawża u l-appell magħmula mill-konvenuta Farrugia tqiesu fiergħa, iżda ma kienx imiss lis-soċjetà konvenuta li tiddeċiedi l-kawża, u għamlet sew li stenniet li tinqata' l-kawża.

14. Lanqas ma jiswa l-argument tad-depożitu. Li kieku s-soċjetà konvenuta iddepożitat, x'aktarx, għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafu ta' qabel dan,

id-depożitu kien isir bil-kondizzjoni li jibqa' sakemm tinqata' finalment il-kawża. Billi l-attriċi b'ebda mod ma kienet taħti għad-dewmien fil-ħlas, xorta kien ikollha jedd għall-imgħax għax hi kellha kull jedd li titħallas minnufih u dak il-jedd ma kinitx titilfu bil-fatt illi, għal raġuni li għaliha hi ma taħtix, il-legat ġie depożitat flok tħallas lilha. Għalhekk id-depożitu ma kienx iwaqqaf l-ingħaxijiet milli jibqgħu għaddejjin.

15. L-appellanti tgħid ukoll illi "s-soċjetà konvenuta … … … setgħet ukoll talbet il-ħatra ta' sekwestratarju ġudizzjarju skont l-artikolu 851 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". X'setgħet għamlet u ma għamilitx is-soċjetà konvenuta ma jibdilx il-fatt illi, quddiem l-attriċi, kien id-dewmien konsegwenza tal-azzjoni mibdija mill-konvenuta Farrugia li tellifha t-tgawdija tal-legat, u għalhekk dak li seta' għamel ħaddieħor, u kull argument bejn iż-żewġ konvenuti, ma jolqotx id-dritt tal-attriċi għad-danni kontra l-konvenuta Farrugia.

16. L-aħħar argument tal-appellanti f'dan l-aggravju huwa illi "l-azzjoni tal-esponenti ma tistax ukoll titqies bħala emulatorja jew temerarja, u kwindi anke fuq dik il-bażi tisfuma fix-xejn l-azzjoni tal-atturi fil-konfront tagħha".

17. Fil-verità, id-dritt tal-attriċi għal danni ma jiddependix fuq li l-azzjoni mibdija u mitlufa mill-appellanti kienet fiergħa. Il-fatt hu li b'konsegwenza ta' dak li għamlet l-appellanti seħħ telf. Issa l-kwistjoni hi: min ser ibati dak it-telf? Jixraq li jbatih min, bħall-attriċi, ma jaħti xejn għal dak li ġara, jew aktar jixraq li jbatih min, bħall-konvenuta appellanti, ressaq pretensjonijiet infondati li ħallew konsegwenzi ħżiena fuq ħaddieħor? Wara kollox, id-dritt ta' azzjoni huwa l-manifestazzjoni litiġjuża tad-dritt sostantiv pretiż fl-

azzjoni; jekk dak id-dritt sostantiv pretiż ma kienx jeżisti, il-manifestazzjoni litiġjuża ta' dak id-dritt ma tistax titqies li kienet eżerċizzju ta' dritt validu. Li tiftaħ kawża hija att unilaterali li jsir b'responsabilità ta' min jagħmlu. Jekk id-deċiżjoni li tiftaħ kawża tirriżulta eventwalment li kienet deċiżjoni ħażina għax il-kawża tintilef, il-konsegwenzi jbatihom min ħa dik id-deċiż-joni u mhux min bla ma jaħti kien vittma tal-konsegwenzi li ġġib magħha dik id-deċiżjoni. Dan igħodd aktar u aktar, għalkemm mhux biss, meta l-azzjoni tkun waħda fiergħa, kif qalet li hi din il-qorti fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2019 li fiha kienu parti l-partijiet tal-lum u li hija finali.

18. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »… … … [l-ewwel qorti] ma kellhiex tikkundanna lill-esponenti tħallas imgħaxijiet għall-perjodu li jmur *oltre* d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru 2019 … … …
>
> »Ir-*ratio* sħiħ tad-deċiżjoni appellata hija li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tħallas il-legat ordnat permezz tat-testment ta' Grabiel Farrugia, u dan minħabba l-azzjoni impunjattiva istitwita mill-esponenti … … …
>
> »… … … għandu jkun ċertament paċifiku li meta l-appell interpost mill-esponenti ġie deċiż fis- 27 ta' Settembru 2019, is-soċjetà konvenuta setgħet tħallas liberament, u l-fatt li allura damet biex tħallas sal-10 ta' Awissu 2020 ma taħtix għalih l-esponenti.
>
> »Dan ifisser li l-esponenti ġiet akkollata kważi ħdax-il xahar ta' mgħaxijiet addizzjonali li allura għandhorn jitnaqqsu mill-ammont likwidat a karigu tal-esponenti.«

20. L-atturi wieġbu illi joqogħdu għad-deċiżjoni tal-qorti dwar dan l-aggravju, b'dan illi f'kull każ l-imgħaxijiet għandhom jibqgħu għaddejjin sa dakinhar tal-ħlas.

21. Is-soċjetà konvenuta wieġbet hekk:

> » … … … it-tieni aggravju tal-appellanta huwa infondat. Skont l-artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili, is-soċjetà esponenti ssir responsabbli għall-ħlas ta' mgħax fil-konfront tar-rikorrenti minn dakinhar li tiġi interpellata biex tagħmel dan il-ħlas, jew minn dakinhar li l-ħlas ikun ġie mwiegħed lilhom. Però l-esponenti qatt ma giet interpellata sabiex tħallas il-legat imħolli lir-rikorrenti minn Gabriel Farrugia, liema ħlas hija però għamlet qabel ma ġiet ordnata biex tagħmel hekk mill-ewwel qorti. Għalhekk ir-responsabbilità tagħha għall-ħlas tal-imgħaxijiet legalment qatt ma nħolqot. Għaldaqstant l-appellanta m'għandhiex ragun meta targumenta li s-soċjetà esponenti għandha tħallas l-imgħax għaż-żmien bejn is-27 ta' Settembru 2019 u l-10 ta' Awissu 2019 [*recte*, 2020].«

22. L-ewwel qorti ma qisitx ir-raba' talba tal-atturi – dik għall-kundanna tas-soċjetà konvenuta biex tħallas l-imgħaxijiet flimkien mal-konvenuta l-oħra – u dwar din il-parti tas-sentenza ma sarx appell: fl-appell tagħha l-konvenuta ma talbitx illi l-imgħax tħallsu s-soċjetà iżda illi t-talbiet relattivi tal-atturi jiġu miċħuda. Għalhekk, l-argumenti mressqa fit-tweġiba tas-soċjetà ma għandhomx relevanza għall-aggravju tal-konvenuta appellanti. Il-kwistjoni ma hijiex dwar id-*dies a quo* u d-*dies ad quem* safejn jolqtu r-responsabilità tas-soċjetà iżda biss safejn jolqtu r-responsabilità tal-konvenuta Farrugia.

23. L-ewwel qorti stabbiliet l-24 ta' April 2014 bħala d-*dies a quo*[4] u l-10 t'Awwissu 2020 bħala d-*dies ad quem*. Dwar id-*dies a quo* ma sarx appell; il-kwistjoni hija d-*dies ad quem*.

24. Is-sentenza dwar il-validità tat-testment inqatgħet fis-27 ta' Settembru 2019 u minn dakinhar ma kien hemm ebda inċertezza dwar il-validità tat-testment u l-identità tal-werriet u ma kien hemm xejn xi jżomm lill-werriet – is-soċjetà konvenuta – milli jħallas. Minkejja dan, is-soċjetà damet sal-10

---

[4] Għalkemm fil-motivazzojni tas-sentenza jingħad "l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-29 t'April 2014 – data tas-sentenza appellata", fil-parti dispositiva jingħad li l-imħgax jibda mill-24 t'April 2014.

t'Awwissu 2020 biex tħallas. Għal dan id-dewmien ma taħtix il-konvenuta appellanti għax bis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2019 tneħħa kull osta-kolu li seta' nħoloq bi ħtija tagħha. Għalhekk igħid sew dan l-aggravju illi l-konvenuta appellanti ma kellhiex tiġi kundannat tħallas l-imgħaxijiet sal-10 ta' Ottubru 2020 iżda biss sas-27 ta' Settembru 2019.

25. Bejn l-24 t'April 2014 u s-27 ta' Settembru 2019 għaddew elf, disa' mija u tnejn u tmenin jum (1,982) u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fuq tletin elf euro (€30,000) jiġu tnax-il elf, disa' mija u sitta u għoxrin euro u disa' ċenteżmi (€12,926.09). F'dan is-sens qiegħed jintlaqa' t-tieni aggravju.

26. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn illikwidat id-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-konvenuta appellanti fis-somma ta' ħmistax-il elf, mija u tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€15,123.29) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u sitta u għoxrin euro u disa' ċenteżmi (€12,926.09). Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

27. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) jħallsuh l-atturi u ħames ishma minn sitta ($^{5}/_{6}$) tħallshom il-konvenuta appellanti Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm